C/2026/721

30.1.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12304 – NIPPON STEEL / SUMITOMO / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/721)

1. Fit-22 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Nippon Steel Corporation (il-Ġappun),

— Sumitomo Corporation (il-Ġappun).

Nippon Steel Corporation u Sumitomo Corporation se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta f'Singapore.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Nippon Steel Corporation hija involuta fil-manifattura u l-bejgħ ta' diversi prodotti tal-azzar (kif ukoll prodotti tat-titanju). In-negozji l-oħra tagħha jinkludu l-inġinerija u l-kostruzzjoni, is-sustanzi kimiċi u l-materjali, u s-soluzzjonijiet tas-sistema.

— Sumitomo Corporation hija kumpanija kummerċjali ġenerali, li hija attiva, eż., fil-kummerċ ta' prodotti tal-azzar.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża konġunta maħluqa ġdida se jkunu li ġejjin: kiri ta' prodotti tubulari għat-tħaffir fl-industrija taż-żejt magħmula minn liga reżistenti għall-korrużjoni.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet possibbli tagħhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12304 — NIPPON STEEL / SUMITOMO / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË